MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 1438/2001/1

**Mario Debono.**

**vs.**

**Violet Debono.**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:

Illi, l-partijiet ghamlu c-cerimonja taz-zwieg bejniethom skond kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg esebit mac-citazzjoni bhala Dok "A", li jgib in-numru 929/85;

Illi, li b'din ic-cerimonja effettivament ma nholoqx kuntratt validu ta' zwieg u dan peress li l-istess kuntratt kien vizjat, kif previst mill-**artikolu 19 (1) tal-Kap 255,** minhabba illi l-kunsens ta' l-attur gie eskluz minhabba zball fuq l-identita' tal-konvenuta, *inoltre* peress illi l-kunsens ta' l-attur

inkiseb b'qerq dwar xi kwalita tal-konvenuta li tista mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga, *inoltre* peress illi l-kunsens tal-konvenuta kien vizjat minhabba difett serju ta' diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew b'anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibbli ghal konvenuta li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg kif ukoll peress illi l-kunsens ta' l-attur inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg ;

Illi ghalhekk l-attur talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara li z-zwieg li suppost gie celebrat bejn il-kontendenti, kif indikat fl-att taz-zwieg numru 929/85 hu null u bla effett, u dan kif previst fl-**artikolu 19 tal-Kap 255**, u cioe' s-**sub inciz (1) (b), (c), (d)** u **(f).**

Bl-ispejjez ghall-kontroparti konvenuta, li qed tigi ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attrici a fol 3 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda a fol.4 tal-process.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat il-verbali tas-seduti tal-11 ta' April 2002 u tad-29 ta' Mejju 2002 fejn inghatat digriet affidavit tal-partijiet b'terminu ta' 40 jum kull wiehed.

Rat li l-konvenuta fis-seduta tad-29 ta' Mejju 2002 tat ruhha notifikata bic-citazzjoni attrici u bl-avviz tas-smiegh tal-kawza, izda ma giet ipprezentata l-ebda nota tal-eccezzjonijiet minnha u ghalhekk baqghet kontumaci.

Rat in-nota tal-attur datata 30 ta' Awwissu 2002 li permezz taghha esebixxa zewg affidavits, tieghu u dak ta' ommu Theresa Debono.

Rat ir-rikors ta’ Mario Debono datat 30 ta’ Awwissu 2002, fejn talab bir-rispett lil din l-Qorti biex tinnomina Assistent Gudizzjarju biex jiffissa seduta wahda biex tixhed il-konvenuta in subizzjoni u Joan Bugeja, illum Camilleri.

Rat id-digriet datat 2 ta’ Settembru 2002, fejn il-Qorti rrizervat li tipprovdi dwar it-talba izjed ‘il quddiem minhabba l-fatt li z-zmien li fih il-konvenuta kellha tressaq ix-xhieda taghha kien ghadu ghaddej u ghaldaqstant talbet ir-rikorrent sabiex jirregola ruhhu.

Rat il-verbal tat-12 ta’ Novembru 2002.

Rat ix-xhieda tal-konvenuta li saret quddiem l-Assistent Gudizzjaru Dr. Josette Demicoli datata 21 ta’ Jannar 2003 minn fol 28. sa fol. 39 tal-process.

Rat in-nota ta’ l-Assistent Gudizzjaru Dr. Josette Demicoli, fejn infurmat lill-Qorti li l-provi huma konkluzi.

Rat il-verbal tat-30 ta’ April 2003 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta’ Jannar 2004.

Rat ir-rikors ta’ Mario Debono datat 17 ta’ Otturbru 2003 fejn talab bir-rispett lil din il-Qorti biex jekk hu possibbli tirrikjama l-kawza ghal data aktar vicina.

Rat id-digriet tat-2 ta’ Dicembru 2003 fejn il-Qorti cahdet it-talba.

Rat il-provi kollha prodotti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### i) PROVI PRODOTTI.

Illi fl-affidavit tieghu datat 30 ta’ Awwissu 2002, l-**attur Mario Debono** jghid:-

*“Illi, jiena itqajt mal-konvenuta meta kellha sittax-il sena u jiena kelli 23 sena. Izzewwigna sentejn wara u cioe’ fid-9 ta’ Gunju 1985. Dak iz-zmien jiena kont nahdem u bqajt nistudja, l-konvenuta ma kinitx tahdem. Meta gejna biex nizzewgu jiena kont naf illi hija ma kellhiex mezzi finanzjari ghaliex missierha ma riedx ihallieha titlaq mid-dar biex tibqa’ tiehu hsiebu. Ommha kienet mietet meta kellha erbatax-il sena. Il-familja taghha kienet tikkonsisti f’missierha, hi u hutha li kienu tmienja. Ghalhekk missierha kien ghamel minn kollox biex ma jhalliniex nizzewgu u naturalment ma kien taha xejn ghat-tieg. Jiena accettajt dan kollu u hadt ir-responsabbilita’ tal-hajja mizzewga totalment fuq spalti. Minn ghand il-konvenuta jiena ridt biss illi hija tkun leali lejja. Meta konna gharajjes, il-konvenuta kellha attitudni normali lejja u qatt ma semmiet illi kellha zewgt hutha nisa Rita u Doris li kienu imorru hafna ma’ l-irgiel. Il-konvenuta u l-familja taghha kienu jghixu gewwa razzett fil-limiti tal-Mgarr fid-dizabitat. Dak iz-zmien illi jiena iltqajt mal-konvenuta hija kienet ghadha tmur l-iskola r-Rabat. Kellha tmintax-il sena meta izzewwigna. Ir-razzett fejn kienu jghixu ma kienx wiehed abitabbli u kien zghir hafna. Missierha kien irabbi n-naghag. Izzewwigna wara sentejn ghaliex il-konvenuta kienet xebghet tghix ma’ missierha, ma kienx jaghtiha flus u kienet nieqsa kwazi minn kollox;*

*Illi, jiena ridt navvanza ‘il quddiem u ridt illi hi taghmel dak li wieghdet u fuq l-artal. Ghalhekk jiena kont ghamilt l-ewwel snin tal-hajja mizzewga taghna nahdem medja ta’ tmintax-il siegha kuljum. Dan gara anke minn qabel iz-zwieg u dana meta jiena kont mort nahdem il-Libya u Malta kuljum. Xahar wara z-zwieg il-girien ta’ fejn kont noqghod fi tlett ikmamar gewwa St. Aristarchus Street, ir-Rabat irrimarkawli li marti kienet qed tohrog meta jiena kont inkun imsiefer, ma' wiehed li kien jahdem ma’ kumpanija tal-bumping cars is-Saqqajja. Ghall-ewwel ma emmintx, imma mbaghad inkixef il-fatt u anke hi ammetttiet. Xahar wara z-zwieg, inqabbdet tqila bit-tifel. Hawn widdibtha u wissejtha, pero’ wara dan xorta wahda kien hemm sensiela ta’ adulterju kif sejjer nispjega;*

*Illi, wara li twieled it-tifel, hi dahhlet “gharusa” ghand familja li toqghod fl-area maghrufa bhala ‘Dar Hanzira’ gewwa ir-Rabat u kienet tohrog ma’ l-irgiel fuq bazi regolari. Il-giren kienu jgharrfu lil ommi u din qabditha kemm id-darba. Qed nannetti ma’ dan l-affidavit lista ta’ irgiel, (Dok “MD 1”) li hi stess ammettiet li marret maghhom, pero’ din il-lista ma tinkludiex dak li semmejt iktar ‘il fuq u irgiel ohra wara li nkitbet din il-lista. Din il-lista inkitbet minnha fuq insistenza tieghi. Nghid illi hi u ohtha Rita ghandhom kundizzjoni simili, jigifieri li ma jistghux jaraw ragel bl-uniformi li ma jkunux iridu imorru mieghu. Ohtha Doris tmur ma’ min joghgobha;*

*Illi, kien hemm okkazzjoni fejn anke gabet id-dar ir-ragel ta’ ohti Carol, li jismu Michael u dana biex jorqod ma’ ohtha Doris. Dan setghet taghmlu peress illi jiena kont inkun il-hin kollu ghax-xoghol. Darb’ohra kienet hadet lil Michael ghand habiba taghha Dorothy biex imur maghha, pero’ din kif indunat li dan kien ir-ragel ta’ ohti, keccithom ‘il barra. Bhala kazi ta’ adulterju kien kemm kemm trid. Kif diga xehedt jiena dan iz-zmien kollu kont impenjat kwazi il-hin kollu nahdem u dana biex intejjeb il-posizzjoni tieghi. Jiena ghalhekk ma kontx kapacci niehu hsieb lil ibni Elvin wahdi u ghalhekk ommi kienet offriet li zzommulna ghal ftit xhur u minn ftit xhur it-tifel dam sena u hames xhur jghix regolarment ghand ommi. Fl-1992, kelli tarbija ohra, tifla li jisimha Rodianne. Tant kont impenjat fuq xoghol li ma tantx kont naghti kas dak li kienet qed taghmel marti. Maz-zmien izda jiena ma bqajt inhoss xejn ghaliha. Meta l-konvenuta rat dan hija bdiet taqla hafna nkwiet fil-familja tieghi. Kienet bdiet biex kitbet ittra anonima lil ohti biex tweggaghha fuq it-telfa tat-tarbija taghha. Kienet kitbet ittra ohra anonima lil missier ir-ragel ta’ ohti Susan biex iggeldu mal-mara u wara ittra ohra lil pulizija dwar allegat ksur tal-ligi minn missier ir-ragel ta’ ohti Susan biex b’hekk kienet qalghatlu hafna trouble;*

*Illi, ftit wara dan bdiet iccempel mid-dar lil girien anonimament u tghajjarhom u tkellimhom hazin. Meta dawn in-nies investigaw sabu illi t-telefonati kienu gejjin min-numri tat-telefon tad-dar tieghi jew tal-hanut. Kienu*

*anke telghuha l-Qorti u jiena ghedtilha illi wara din ahna konna wasalna fl-ahhar. Kienet giet misjuba hajta u inghatat sentenza sospiza. Wara din il-kawza l-Qorti hija hadet gurament illi kienet ser tibda hajja gdida. Jiena iddecidejt naghtiha l-ahhar cans, ghalkemm ghalija iz-zwieg kien ilu li spicca. Izda dana jiena ghamiltu minhabba t-tfal. Barra dawn l-affarijiet kienet ghamlet hafna iktar, izda n-nies involuti ma kinux tellghuha l-qorti b'rispett tieghi;*

*Illi, xahar wara li spiccat il-kawza tat-telefonati anonimi lil gara, hija regghet ghamlet l-istess haga. Baghtet ittra anonima lil mara tat-Tabib Wilfred Galea u b'hekk spiccajna b'kawza ohra l-Qorti. Hija ammettiet kriminalment ghall-akkuzi migjuba kontra taghha u jiena spiccajt b'kawza civili ghad-danni maghmula mit-Tabib u minn martu. Liema kawza hija pendenti quddiem il-Qorti ta' l-Appell. Wara dan il-kas, huti kienu infurmawni illi kienet baghtet l-ittri anonimi li semmejt iktar 'il fuq lilhom ghaliex qabel dan huma ma kienu qaluli b'xejn biex ma jaqalghux l-inkwiet. Nghid illi hekk kif faqqa' dan il-kaz, is-sahha mentali ta' marti marret lura ferm. Ommi kienet haditha ghand il-psikjatra u l-konvenuta giet rikoverata gewwa Mount Carmel Hospital. Hawnhekk jiena sirt naf illi marti kellha marda mentali u li din kienet ir-raguni 'il ghala hija tul il-hajja mizzewga taghna kienet qalghet tant problemi. Hija kienet taht il-kura ta' Dr. John Mifsud u il-psikologa Joan Bugeja. B'konsegwenza tal-marda li kienet issofri minnha hija kienet tiddistakha ruhha mir-realta li ticcirkondaha u li ghalhekk hija ma tkunx konxja ta' l-azzjonijiet taghha. Fil-fatt it-tobba lili kienu gharrfuni illi l-konvenuta kienet tbati minn skizzofrenja u li riedet tibqa tiehu l-kura ghaliha ghal hajjitha kollha ghaliex kif twaqqaf il-kura hija terga' tigi lura ghal dak li kienet qabel. Hija kienet tibni realta' madwarha li ma kinitx tezisti u kienet temmen illi l-affarijiet li tkun qieghda timmagina kienu realment jezistu. Il-konvenuta giet rikoverata Mount Carmel Hospital fis-16 ta' Mejju 1997 fejn hija bdiet terapija hemmhekk. Hija bdiet tiehu l-medikazzjoni u damet taht il-kura psikjatra u l-psikologu ghal zmien twil. Giet rilaxxjata mill-isptar f'Awwissu 1997 izda kellha tattendi sessions mat-tobba biex tkompli tiehu l-kura*

*taghha. Naf illi ghadha tmur sal-lum ghal vizti regolarment u l-medicina kif semmejt qalulha li trid tibqa tehodhom ghal ghomorha. Naf ukoll illi anke l-medicina kull tant zmien iridu jibdlulha u dana peress illi jekk il-gisem jidra l-medicina, din ma tibqax taghmel effett fuqha;*

*Illi, wara dan il-kaz jiena ma stajtx nerga nahfrilha u ghalhekk jiena infurmajt lill-konvenuta illi issa ridt is-separazzjoni. Fil-fatt ahna isseparajna permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon tal-31 ta' Mejju 2001;*

*Illi, ahna illum nghixu mifrudin.*

Illi giet ukoll prezentata x-xhieda ta' omm l-attur **Theresa Debono** permezz tal-procedura tal-affidavit, liema xhieda giet prezentata b'nota fit-30 ta' Awwissu, 2002.

Illi l-**konvenuta** in subizzjoni sostniet li hja kellha hmistax il-sena meta iltqaqghet mal-attur u kienet ghadha hierga mill-iskola u qalet li riedet tehles mid-dar taghha peress li kienet tigi mahqura minn missierha u kienu ghaxar t'itfal jghixu f'razzett fejn ma kien hemm indafa ta' xejn ghalkemm sostniet li izzewget kemm biex tehles mid-dar izda wkoll ghaliex kienet thobb lill-attur; l-preparamenti tat-tieg saru minn omm l-attur; ammettiet li peress li zewgha kien jahdem il-Libja hija kienet qabdet relazzjoni ma xi rgiel u fil-fatt f'xi zmien hija kienet ghamlet lista ta' rgiel li skond hija kellha hbiberija maghhom; llum il-gurnata tinsab taht kura psikjatrika u tmur ghall *counselling.*

Illi xehdet ukoll **Joan Camilleri** li qalet li lill-konvenuta saret tafha meta kienet marret l-isptar bhala pazjenta ta' Dr. John Mifsud u hija psikologista li kienet taghmel xi sessjonijiet maghha; l-konvenuta kienet ghaddejja minn perjodi ta' paranoja u kienet temmen xi affarjiet li ma kienux rejali; din hija kondizzjoni li tizviluppa mas-snin u hija kondizzjoni li wiehed jitwieled bil-predisposizzjoni li jizviluppaha. Inghatat kura medika u wkoll serji ta' *psycho theraputical pscyholigical sessions.* Taf li l-partijiet kellhom problemi kbar bejniethom, u hija ma kinitx

tirrealizza dak li kienet qed taghmel. Kien jipprova jifhem il-kondizzjoni taghha izda finalment jidher li qatgha qalbu.

**<u>Ii PRINCIPJI LEGALI</u>**

Illi mill-premessi tac-citazzjoni jirrizulta illi l-attur qieghed jibbaza t-talba tieghu ghall-annullament taz-zwieg ghal diversi ragunijiet previsti fl-**artikolu 19 (1)** ta' l-**Att Dwar iz-Zwieg.**

- **<u>L-ARTIKOLU 19(1) (B):</u>**

Illi l-attur ippremetta li z-zwieg tieghu huwa null skond id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 19 (1) (b) tal-Kap 255** li jipprovdi li:-

*"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun eskluz minhabba zball fuq l-identita' tal-parti l-ohra."*

Illi l-izball jikkonsisti f'gudizzju falz dwar xi haga jew xi hadd u kwindi jista' jigi kkunsidrat bhala difett tal-intellett. Il-persuna fl-izball ma tkunx nieqsa mill-gharfien shih izda jkollha gharfien zbaljat dwar il-persuna jew l-oggett. Dik il-persuna, imbaghad taghmel gudizzju jew tifformula opinjoni bbazata fuq dak illi li zbaljatament tkun qed tippercepixxi.

Il-**"*Castano'*"** jaghti s-segwenti definizzjoni dwar zball fil-ktieb tieghu: **"Il Sacramento del Matrimonio"**:-

"*L'errore infatti e' un atto del'intelletto che consiste in un 'iudicium falsum', gudizio che ha come causa una falsa 'rei apprehensio'. Come abbiamo detto ripetutamente, la volonta' – facolta' che consente – non si muove se l'intelletto non le presenta un oggetto che attiri la sua appetibbilita'. Ma l'intelletto, proprio a causa del 'iudicium falsum (errore), presenta alla volonta' un oggetto falso distorto, un oggetto cioe` che non corrisponde alla verita'. E' per questo che la volonta' viene erroneamente indotta ad emettere un consenso che non risponde alla realta' e quindi il vero consenso viene a mancare"*.

Illi huwa minhabba f'din ir-raguni illi l-izball jitqies bhala vizzju tal-kunens u dan ghaliex dak il-kunsens ikun qed jigi moghti taht gudizzju falz li l-persuna li tkun qieghda taghtih tkun ghamlet fuq il-parti l-ohra fiz-zwieg. L-izball *inoltre* irid ikun tali illi min-natura tieghu ifixxkel serjament il-hajja mizzewga bejn il-partijiet. Jekk il-persuna fi zball, wara l-gharfien ta' dak l-izball thoss illi l-hajja matrimonjali taghha ma hijiex imfixkla b'dan l-gharfien allura l-kunsens matrimonjali minnha moghti jkun wiehed validu u dan peress illi l-volonta' tieghu jew taghha ma tkunx giet effettwata b'dak il-gudizzju falz li jkun sar. Fil-fatt fil-ligi kanonika, issir distinzjoni bejn zball fuq il-persuna u zball rigward xi kwalita' tal-persuna, liema kwalita' trid tkun "*directly and principally intended*", u cioe` li fil-mument taz-zwieg, il-kunsens matrimonjali jkun qed jigi marbut ma' dik il-kwalita' fil-parti l-ohra, li jekk tkun nieqsa allura ggib in-nullita' ta' dak iz-zwieg minhabba vizzju tal-kunsens.

- **L-ARTIKOLU 19 (1) (C):**

Illi dan l-artikolu tal-ligi jiddisponi testwalment illi zwieg ikun null:-

*"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixxkel serjament il-hajja mizzewga."*

Illi kif inghad fis-sentenza **"Michelle El Hossayes vs Pauline Mintoff"** (P.A. (RCP) 20 ta' Marzu 2003) l-legislatur Malti llimita l-qerq fuq *"xi kwalita tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga"*. Din il-kawzali giet ikkonsidrata minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kaz **"John Borg vs Paula sive Polly Borg"** (P.A. (VDG) 22 ta' Mejju 1995 - Cit. Nru. 591/94VDG) fejn gie osservat li:-

*"kieku dak il-paragrafu 19(1) (c) gie formulat b'mod differenti, wiehed ikun jista' jghid li japplika ghaz-zwieg civili l-art. 981 tal-Kodici Civili li evidentement hu aktar wiesgha fil-portata tieghu. Il-legislatur Malti, izda, ghazel li jillimita l-qerq, bhala kawza ta' nullita' ta' zwieg, ghall-qerq*

*dwar dawk il-kwalitajiet, oggettivament gravi, li jincidu fuq l-essenza, il-proprjetajiet u l-ghanijiet taz-zwieg".*

*"The object of deceit must be a quality of the other contracting party which, in itself, will have to cause serious disturbance in the partnership of conjugal life; with this formula, the legislator intends that the quality must be objectively grave and establishes the partnership of conjugal life as an objective point of reference for the gravity of the quality so that the qualities are related to the essence, proeprties and ends of marriage. Therefore, those subjective qualities which cannot be objectively reconciled with conjugal partnership are irrelevant and, in this sense, they are merely arbitrary or trivial".* (***Viladrich P.J.*** **Matrimonial Consent. Code of Canon Law Annot. -** Caparros, E. et al. ed)1993, Wilson and Lafleur , Montreal).

Illi l-Qrati taghna dejjem sostnew li z-zwieg ikun null skond dan is-sub-artikolu jekk wahda mill-partijiet taghti l-kunsens taghha ghax tkun giet imqarrqa jew mill-parti l-ohra jew minn xi haddiehor dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra **("Fattah xebba Perry vs Dr.A. Mifsud et"** (P.A. 22 ta Novembru 1982). Skond il-gurisprudenza fuq citata, element importanti ta' dan is-sub-artikolu hu li l-qerq irid ikun serju bizzejjed li fixkel serjament il-hajja mizzewga.

- **<u>L-ARTIKOLU 19(1) (D):</u>**

Illi l-attur jissottometti wkoll li z-zwieg bejnu u bejn il-konvenuta ghandu jigi dikjarat null *inter alia* abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** li jghid:-

*"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg."*

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga' kellha okkazjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza

ghas-sentenza **“Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg”** (Cit. Nru. 1564/97/RCP – deciza fil-21 ta’ Ottubru 1999) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi fis-sentenza **“Kevin Spiteri vs Avukat Dr Renzo Porella Flores et noe”** (Cit. Nru. 2443/97/RCP – deciza 18 ta’ Jannar 2000) il-Qorti ghamlet referenza ghall-espozzzjoni ta’ ***Viladrich****:*

*“Thus, there is grave lack of discretion of judgement when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring”* ***(Viladrich, P.J.,*** **“Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated.”** (Montreal, 1993), p. 686).

Illi kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma *“the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these*

*essential characteristics"* (***Viladrich, P.J.,*** *op.cit.,* pg. 687).

Illi wkoll fis-sentenza **"Alexandra sive Sandra Farrugia vs Raymond Farrugia"** (P.A. (VGD) 10 ta' Settembru 1997) inghad wkoll li:-

*"Kwantu ghad-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju –* ***Art. 19 (1) (d)*** *– biex ikun hemm nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm inkapacita' psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, jew li jiddeciedi liberalment, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali* ***("Isabelle Zarb vs Stephen Attard"*** *– P.A. 21 ta' Novembru 1995). Mhix ghalhekk kwistjoni ta' nkompatibilta' ta' karattru, jew ta' decizjoni jew decizjonijiet zbaljati. Il-paragrafu* ***(d)*** *ikompli jitkellem dwar "anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg". Il-Qorti tosserva li l-ligi taghna tirrikjedi mhux biss anomalija psikologika tkun wahda serja, izda li tkun taghmilha mpossibbli mhux sempliciment difficli, li wiehed jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ossia jassumihom".*

Illi ghalhekk b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita` li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku **("Nicholas Agius vs Rita Agius gia Caruana"** – P.A. (VDG) tal-25 ta' Mejju,1995 ).

Illi kif inghad fis-sentenza **"Joseph Mizzi vs Pauline Mizzi"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Ottubru 2002) li kieku l-legislatur irrikjeda maturita` shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' *"discretio judicii"* hu kuncett guridiku intrinsikament marbut mal-kapacita` ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg. Kif jispjega l-gurista ***Colagiovanni*** meta sostna li:-

*"Il matrimonio, in quanto patto ossia "foedus" ……… richiede una capacita` intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e` per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita` di mente e di liberta`, dato che ……… si tratta di assumersi una "servitus" per tutta la vita"* (**Forum**, 1990, Vol. 1 part I, p. 72).

Illi pero`, kif gia' nghad, b'immaturita` jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju d-dottrina u l-gurisprudenza *"non si riferiscono ad una piena e terminale maturita`, non esigono nei nubenti una conoscienza perfetta ed esaustiva di cio` che comporta il matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio` che puo compartare la vita coniugale, ne` un perfetto equilibrio volitivo-affettivo, ne` infine una conscienza perfetta delle motivazioni della scelta matrimoniale. Ecco perche` riesce piu` appropriato l' uso del termine discrezione di giudizio, che fa riferimento ad un certo discernimento ma non implica il raggiungimento di una maturita` piena"* ***(Pompedda, M.F.,*** **"Il Consenso Matrimoniale in Grocholewski"** – **Pompedda – Zagglia, "Il Matrimonio nel Nuovo Codice di Diritto Canonico"** (Padova, 1984), p. 46).

Illi kif gie affermat diversi drabi minn din il-Qorti, inkluz fis-sentenza **"Alessandra *sive* Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo"** (P.A. (VDG) 26 ta' Ottubru 2000) ikun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tal-paragrafu **(d)** imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, *"fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta` kritiko-estimativa jew kritiko-valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita` affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ghalhekk, ma hux semplicement nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati – infatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju"* (*ara,* **"Emanuel**

**Camilleri vs Carmen Camilleri"**, P.A., 10 ta' Novembru 1995*).*

Illi l-istess sentenza tkompli tghid *"Li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, ma jammontax necessarjament ghal difett (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju (**"Selina-Maria Vella Haber vs Joseph Gatt"**, P.A., 15 ta' April 1996)".*

Illi ghalhekk biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-**artikolu 19(1)(d)** irid ikun hemm l-inkapacita` psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (ara f'dan is-sens, fost ohrajn, **"Jacqueline Cousin vs Bernard Simler"**, P.A., 3 ta' Gunju 1998; **"Roseanne Cassar vs Kenneth Cassar",** P.A. 19 ta' Ottubru 1998; u **"Carmelo Grima vs Mary Andrews"**, P.A., 2 ta' Novembru 1998).

Illi proprju ghalhekk ukoll il-legislatur jirrikjedi li d-difett ta' diskrezzjoni irid ikun wiehed serju u l-anomalija psikologika tkun wahda serja.

Illi kif jispjega ***Bersini,*** id-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti w interdipendenti:-

*"La piena avvertenza e il deliberato consenso … … … La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita` di giudizio e la maturita` affettiva … … … La maturita` di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all' atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita` affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita` che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta` e possono*

*privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi` una mancanza di consenso libero (immaturita` affettiva) e ponderato (immaturita` di giudizio)"* ***(Bersini, F.,*** **"Il Diritto Canonico Matrimoniale."** (Torino, 1994), p. 97).

Illi l-istess awtur, imbaghad ikompli jispjega dwar kemm irid ikun serju d-difett ta' diskrezzjoni biex wiehed ikun jista' jghid li hemm id-difett fil-kunsens u l-konsegwenti nullita` taz-zwieg:-

*"Se ci si chiede quale grado di discrezione di giudizio possa ritenersi proporzionato al matrimonio, rispondiamo anzitutto che, sia per la conoscenza intellettiva come per la deliberazione volitiva, dovra' essere maggiore di quello richiesto per peccare mortalmente e per stipulare gli altri contratti. Il motivo sta nel fatto che il consenso matrimoniale riguarda obbligazioni che si proiettano nel futuro ed e` ordinato all' assunzione di uno stato di vita che incide su tutta l' esistenza con un contratto perpetuo e irrescendibile che comporta una serie di gravi obblighi ad esso inerenti. Per dare un valido consenso, non e` sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e` il matrimonio; e` necessaria la maturita` di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e` necessaria la discrezione non tanto per l' atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell' atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico, religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l' eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrate, per qualsiasi motivo, la capacita` intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravamente alterata o addirittura mancante, si dovra` ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio" (ibid. pp. 97-98).*

Illi hawnekk il-Qorti, pero`, tixtieq tippreciza li ghazla libera, kunsens hieles, ghar-rabta taz-zwieg mhux sinonimu mal-kuncett ta’ ghazla facli, u dan kif gja’ gie ndikat fis-sentenzi fuq kwotati, tant li nghad li:-

*“… … ... se il sogetto non e` in grado di superare [i] condizionamenti interiori, allora si dira` che la scelta di lui non e` stata libera; lo sara` invece qualora pur pressato da tali impulsi provenienti dal proprio psichismo, da un’ affettivita` non sufficientemente matura o anomala, e quindi anche di fronte a conflitti interiori, sara` stato capace di superarli, di dominarli razionalmente, di scegliere con autonomia ... ... ... In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe` col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa` coniugale, sia nei rigwardi dell’ altra parte sia nei riguardi della prole” (**Pompedda, M.F.,*** **“Incapacita` di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento.”** (Bologna, 1991), pp. 231, 233).

Illi kwantu ghad-difett fil-kunsens dovut ghall-anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, il-ligi taghna, bhad-dritt kanoniku **(Can. 1095 (3))** tirrekjedi mhux semplici diffikulta` izda mpossibilita` li wiehed jaqdi ossia jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Inkapacita` jew impossibilta` vera f’ dan il-kuntest hi potizzabbli biss fil-prezenza ta’ anomalija psikologika serja li, independentement minn kif wiehed jaghzel li jiddefiniha jew jiklassifikaha fil-kamp tal-psikjatrija jew tal-psikologija, tintakka sostanzjalment il-kapacita` *“di intendere e/o di volere”. “L’ incapacita` di assumere gli oneri essenziali della vita coniugale”,* jghid il-***Bersini**, “rende la persona inabile al matrimonio, anche nell’ ipotesi … … … che al momento di contrarre le nozze abbia avuto la discrezione di giudizio sufficiente per un valido consenso” (op. cit.,* p. 99).

Illi ghal dak li jirrigwarda l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi dawn huma *"the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics" (**Viladrich, P.J**., op. cit., p. 687).*

Illi tal-istess portata huma s-sentenzi **"Anthony Gaffiero vs Juanita Gaffiero nee' Sultana"** (P.A. (VDG) 17 ta' Novembru 2000 u **"Anna Galea vs John Walsh",** (P.A. (VDG) tat-30 ta' Marzu 1995). Inerenti, ghalhekk, f'dawn l-obbligazzjonijiet hemm l-obbligu tal-partijiet li jaghtu lilhom infushom lil xulxin fit-totalita` taghhom sabiex tigi stabbilita bejniethom *"the community of life and love".*

Illi fl-ahharnett din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad fis-sentenza fl-ismijiet **"Nathalie O'Toole vs Patrick O'Toole"** (P.A. (N.A.) 25 ta' Marzu 2002) fejn inghad li:-

*"Il-kunsens moghti fiz-zwieg skond din l-istess gurisprudenza mhuwiex dak il-kunsens semplici rikjest fil-kuntratt in generali ghaliex il-kuntratt taz-zwieg huwa wiehed "sui generis" u ta' ordni pubbliku. Illi ghalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' zwieg mhux biss irid ikollhom il-kapacita' li jaghtu dak il-kunsens, izda li l-istess irid jigi moghti bl-aktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li*

*tirrikjedi r-rabta taz-zwieg. Il-kuntratt taz-zwieg ghandu jigi apprezzat mhux biss bl-ghajnejn oggettivi tal-ligi, izda jrid isib is-sinifikat tieghu fir-relazzjonijiet ta' koppja u l-iskop ahhari taz-zwieg, cjoe' li tnejn minn nies jaghtu lilhom nfushom lil xulxin ad eskluzjoni ta' kollox u kulhadd. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma jkunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu z-zwieg, allura jinholoq dubju kemm dak il-kuntratt matrimonjali huwa wiehed validu".*

Illi kif inghad fis-sentenza **"Al Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002) *inoltre* l-kunsens irid ikun wiehed tali li permezz tieghu l-parti li tesprimih trid tkun konxja ta' l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga bhalma huma l-elementi ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli.

Illi dawn il-principji kollha gew kkonfermati f'diversi sentenzi moghtija minn din il-Qorti nkluzi **"Maria Rita Calleja vs Mohamed Ben Mohamed Khemiri"** (P.A. (RCP) 17 ta' Frar 2000); **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** (P.A. (RCP) 9 ta' Marzu 2000); **"Ousama Sadalah vs Doris Tanti"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000); **"Josephine Gabriel vs Dr. Georg Sapiano et nomine"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Mazen Dadouch vs Maria Dadouch xebba Galea"** (P.A. (RCP) 22 ta' Marzu 2002); **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002); **"Marco Tanti vs Catherine Azzopardi"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002); u **"Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2002) fost ohrajn.

- **L-ARTIKOLU 19(1) (F).**

Illi dan l-artikolu tal-ligi jitratta dwar is-simulazzjoni tal-kunsens matrimonjali kemm dik totali, kif ukoll dik parzjali. Illi l-kunsens matrimonjali jkun gie simulat fit-totalita' tieghu meta xi parti fiz-zwieg jew anke t-tnejn li huma jkunu eskludew iz-zwieg fit-totalita` tieghu bhala ftehim bejn ragel u mara fejn jistabbilixxu unjoni ghal hajjithom kollha bl-elementi kollha li tistabbilixxi l-ligi ghall-kuntratt

matrimonjali. Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi necessarji rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju, l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta' l-ulied, jew l-eskluzjoni ta' l-obbligu tal-fedelta` lejn il-parti l-ohra. Illi ghalhekk biex wiehed jinvestiga l-validita` *o meno* tal-kunsens matrimonjali fil-kuntest tas-simulazzjoni, huwa necessarju illi l-volonta` tal-persuna li tkun tat dak il-kunsens tigi nvestigata biex jigi stabbilit jekk il-persuna li tkun qed taghti l-kunsens kellhiex il-volonta' w ix-xewqa li teskludi z-zwieg jew xi wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

Illi l-**artikolu 19 sub-inciz 1 (f) tal-Kap 255** ighid testwalment li zwieg ikun null:-

*"Jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg."*

Illi hawnhekk il-ligi qieghda titkellem fuq is-simulazzjoni kemm dik totali kif ukoll dik parzjali tal-kunsens matrimonjali. Il-kunsens huwa l-qofol ta' kwalunkwe ftehim jew kuntratt specjalment il-kuntratt taz-zwieg. Wiehed jista' jghid illi z-zwieg jibda jezisti hekk kif il-partijiet jimmanifestaw il-kunsens taghhom. L-awtur ***F. Anzar Gil*** fil-ktieb tieghu: **"El nuevo derecho matrimonial canonico"** jaghti definizzjoni l-aktar approprjata tal-kunsens u specifikatament dak matrimonjali tant li jghid li:-

"*Nel senso giuridico ampio viene chiamato conseno l'incontro di diverse volonta'  in ordine allo stesso obbligo. Riferito alla celebrazione del matrimonio, il consenso puo' essere descritto come l'incontro della volonta di un uomo e di una donna in ordine alla costituzione dello stato coniugale.*"

Illi ghalhekk jekk dak il-kunsens ikun b'xi mod simulat allura dak ma jibqax wiehed validu. Izda meta nistghu nghidu illi l-kunsens ikun gie simulat? Jekk il-kunsens intern ta' persuna ma jkunx jaqbel mas-sinjali jew gesti

esterni ta' l-istess, jew jekk dak illi persuna tkun qed tfisser bil-kliem ma jkunx jaqbel ma' dak li qed tahseb jew trid internament allura huwa ovvju illi dik l-azzjoni umana hija wahda simulata.

"*Simula quindi o finge la celebrazione del matrimonio colui che esternamente manifesta la propria volonta' di celebrarlo, mentre in realta', nell' interno della sua volonta non vuole la celebrazione del medesimo. Per la esistenza dunque della simulazione in senso proprio e' necessaria la divergenza cosciente e volontaria tra la manifestazione esterna del consenso matrimoniale e quello che si vuole nell' interno della volonta'*." (***J.F. Castano'* - Il Sacramento del Matrimonio**)

Illi l-ligi fl-**artikolu 19 (1) (f)** taghmel distinzjoni bejn is-simulazzjoni totali u dik parzjali tal-kunsens matrimonjali. Tezisti simulazzjoni totali meta persuna teskludi z-zwieg fit-totalita' tieghu bhala ftehim bejn ragel u mara fejn jistabbilixxu unjoni ghal hajjithom kollha bl-elementi kollha li tistabbilixxi l-ligi ghall-kuntratt matrimonjali. Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju, l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta' l-ulied, jew l-eskluzjoni ta' l-obbligu tal-fedelta` lejn il-parti l-ohra.

Illi ghalhekk biex wiehed jinvestiga l-validita` *o meno* tal-kunsens matrimonjali fil-kuntest tas-simulazzjoni, huwa necessarju illi l-volonta' tal-persuna li tkun tat dak il-kunsens tigi nvestigata. Il-ligi tistabbilixxi illi biex il-kunsens ikun gie simulat ma huwiex bizzejjed illi jkun hemm l-assenza tal-volonta' ghaz-zwieg, izda jrid bil-fors ikun hemm l-eskluzjoni pozittiva. Dan ifisser illi l-persuna li tkun qed taghti l-kunsens tissimula dak il-kunsens meta jkollha l-volonta w ix-xewqa li teskludi z-zwieg. Ma huwiex necessarju illi tali eskluzzjoni tigi manifestata esplicitament, izda jista' jkun illi mic-cirkostanzi kollha li jsegwu tal-hajja matrimonjali jkun car illi l-kunsens matrimonjali jkun gie simulat.

*"L'atto positivo della volonta' non si identifica con l'intenzione espressa o esplicita, ma l'atto della volonta' puo' essere positivo ad essere manifestato implicitamente. L'atto positivo puo' essere emesso anche con intenzione implicita vale a dire mediante il modo di comportarsi del soggetto che esclude, o mediante l'insieme delle circostanze della vita del medesimo soggetto. La volonta', oltre il modo espresso o esplicito di esprimersi, ha ancora altri modi di manifestarsi".* (***O. Giacchi*** **– "*Il consenso matrimoniale canonico"*).**

### iii. Apprezzament Tal-Provi Prodotti

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li dan huwa kaz li jaqa' taht id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 19 (1) (d)** peress li jidher pruvat mix-xhieda kollha prodotta inkluza x-xhieda tal-konvenuta in subizzjoni li mhux biss il-konvenuta kellha difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewgga, izda adirittura kienet ukoll tbati minn kondizzjoni psikologika ta' tali proporzjon li kien impossibbli ghaliha li taqdi l-obbligazzjonijiet taghha essenzjali taz-zwieg.

Illi qed jinghad dan ghaliex hareg b'mod car mit-testimonjanza moghtija li r-raguni vera ghaliex l-konvenuta zzewget lill-attur kienet sempliciment sabiex hija tehles mid-dar ta' missierha, fejn skond ix-xhieda taghha stess kienet qed tghix f'mohqrija, kemm minhabba x-xoghol sostanzjali li kienet imqabbda taghmel, u wkoll ghaliex ir-razzett fejn kienet tghix ma' disgha jew ghaxra minn hutha kien fi stat ta' nuqqas ta' indafa, u allura kellha premura sabiex tahrab minn dan kollu kif fil-fatt ghamlet.

Illi jirrizulta wkoll li wara ftit xhur taz-zwieg hija kienet qabdet relazzjoni ma' xi rgiel, u jidher li dawn ir-relazzjonijiet ma' diversi persuni baqghu jippersistu tul il-konvivenza tal-partjiet sakemm l-konvenuta kienet kostretta tmur ghall-kura psikjatrika u psikologika u saret taf li hija kienet issofri minn mumenti ta' paranoja u fil-fatt kienet temmen f'affarijiet li ma kinux rejali li kienu jgaghluha tagixxi b'certu mod inkluz li jkollha dawn ir-relazzjoni ma' diversi hbieb irgiel u wkoll li tikteb ittri

annonimi. Gie ukoll pruvat li l-istess konvenuta kienet u ghadda qed tircievi kura ghal din il-kondizzjoni, liema kondizzjoni wiehed jitwieled b'disposizzjoni ghaliha, u timmanifestha ruhha biz-zmien, kif sar fil-kaz tal-konvenuta; gie spjegat li din timmanifestha ruhha wkoll f'tip ta' skizofrenija, u l-konvenuta mhux dejjem tkun taf il-konsegwenzi ta' dak li tkun qed taghmel.

Illi *in vista* tal-premess ma hemm l-ebda dubju f'ghajnejn il-Qorti li ghalhekk il-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat abbazi tad-disposizzjonijiet tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi ghall kuntrarju ma jidhirx li l-kaz odjern gie ppruvat taht id-disposizzjonijiet l-ohra citati mill-attur u cjoe' dawk tal-**artikolu 19 (1) (b) (c) u (f) tal-istess Kap 255.**

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-kontumacja tal-konvenuta, **tilqa' t-talba attrici** b'dan li:-

1. Tiddikjara li z-zwieg li suppost gie celebrat bejn il-kontendenti fid-9 ta' Gunju 1985, kif indikat fl-att taz-zwieg numru 929/85 hu null u bla effett, u dan kif previst fl-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijet ta' Malta.**

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------